**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 70 – IT-TNEJN, 11 TA' LULJU 2016 FIS-5.30PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier (5.45pm) |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |

## 1 Approvazzjoni Minuti Numru 69

1.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Rita Saliba ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 2 Punti mtella mill-Minuti 69

2.1 Is-Sur Dominic Cassar, paragrafu 3.2.3 staqsa rigward id-draft policy tal-Kunsill meta jirċievi talba biex tinqata' siġra minn żoni pubblici. Din għandha tkun ippreżentata fil-laqgħa li jmiss.

2.2 Is-Sinjura Joan Farrugia, paragrafu 8.2.2 tkellmet fuq iż-zebra crossing proposta fi Triq Bellavista, l-arblu msaddat fi Triq Benardette u l-proposta għall-mera fi Triq in-Naxxar kantuniera ma' Triq Bernardette. Il-Kunsill ġie nfurmat li t-talba għaż-zebra crossing saret lil TM, l-arblu ġie rrappurtat u t-talba għall-mera għandha tiġi mibgħuta lil TM.

Is-Sur Neville Mallia daħal għal-laqgħa fis-5.45pm.

## 3 Komunikazzjoni mis-Sindku

3.1 Kien hemm diskussjoni rigward is-sottomessjonijiet għal Expression of Interest tal-GreenPak u GreenMT. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis innota li l-

proposti taż-żewġ kumpaniji huma simili ħafna u għalhekk m'hemmx raġuni validi biex jinbidel il-kuntrattur li fil-maġġoranza tiegħu qed jagħmel xogħol tajjeb għall-kuntrattur li żmien ilu kellu jinbidel minħabba li ma kienx qed jagħmel xogħol tajjeb. Għalhekk, is-Sur Bonello Du Puis ippropona li tintgħażel l-proposta tal-GreenPak. Is-Sinjura Rita Saliba ssekondat. Kien hemm 5 favur u 1 astenzjoni. Kien hemm qbil li qabel ma jiġi ffirmat il-kuntratt, għandha ssir laqgħa mal-kumpanija magħżula biex jiġu ndirizzati xi nuqqasijiet li hemm.

3.2 Kien hemm diskussjoni rigward talba mill-KAC biex isiru żewġ biċċiet out door gym equipment fi Ġnien G M Camilleri. Kien hemm qbil fuq din.

3.3 Kien hemm diskussjoni rigward kontijiet pendenti tal-ARMS li hemm fuq il-latrina u l-mitħna taħt l-art. Kien hemm qbil li dawn jitħallsu f'żewġ installments.

3.4 Kien hemm qbil li jinxtraw 4 biċċiet outdoor gym biex jeħlu fl-aħħar parti tal-masġar.

## 4 Korrispondenza

4.1 Kien hemm qbil unanimu rigward No Objection għat-talba tal-Kumitat Madonna ta' Lourdes għall-marċi tal-festa f'diversi toroq bejn it-3 ta' Awwissu u s-7 ta' Awwissu 2016 kif ukoll biex tkun magħluqa Triq il-Kappella bejn il-5 ta' Awwissu u 8 ta' Awwissu 2016 għall-kunċert tal-festa.

4.2 Kien hemm diskussjoni rigward talba biex issir U Bollard bir-reklam fi Triq it-Trunċiera t-Twila kantuniera ma' Triq San Ġiljan. Kien hemm qbil fuq din.

4.3 Kien hemm diskussjoni rigward ittra mill-Perit ta' residenti li qed jitlob biex tinqata' siġra. Kien hemm qbil li għandha tintbagħat risposta fejn jiġi kkomunikat li l-Kunsill ser jirranġa l-passaġġ, jiġu trasferiti żewġ siġar li hemm viċin iċ-ċint tas-soft area u jiġi rranġat il-hajt tas-soft area. Kien hemm qbil fuq dan.

4.4 Ġiet innutata talba mill-VEE GEE BEE biex jeħlu tabelli biex jindikaw l-ħwienet minħabba tibdil fit-traffiku. Kien hemm qbil fuq din sakemm jipprovdu draft tat-tabelli u postijiet fejn ġejjin.

## 5 Affarjiet Oħra

5.1 Is-Sur Etienne Bonello tkellem fuq Triq Ta' Żwejt fejn hija f'kundizzjoni ħażina, fejn anke hemm parti li sfrundat. Ġiet innutata li din it-triq ser ikollha aktar traffiku meta ikun qed isir ix-xogħol fuq il-Flyover tal-Kappara. Għal din ir-raġuni kien hemm qbil li ssir talba lil TM biex tiġi rranpata din it-triq.

5.1.1 Tkellem ukoll fuq il-laqgħa li kellu ma' resident li joqgħod viċin Misraħ il-Ward. Kien hemm kjarifika fejn is-siġar li hemm propost li jitwaħħlu minflok dawk preżenti huma maturi. Kien hemm qbil fil-prinċipju li dan il-ġnien għandu jingħalaq filgħaxija minħabba storbju u vandaliżmu. Ġie innutat ukoll li l-Kunsill preżentament m'għandux il-fondi biex jagħmel dan il-proġett imma irid li japplika għall-permess biex jekk ikun hemm fondi ewropew, il-Kunsill ikollu l-permess lest biex japplika għall-fondi. Kien hemm qbil li ssir talba lil WD biex Ġnien Karin Grech jinkludi fence mad-dawra biex dan ikun jista' jingħalaq kull filgħaxija.

5.1.2 Is-Sindku tkellem fuq il-laqgħa tal-Kunsill li kellha ssir fis-27 ta' Lulju 2016 u li ma saritx. Dan minħabba li kien hemm numru kbir ta' residenti minn Triq Salvu Busuttil li kienu qed jilmentaw fuq it-tibdil fit-traffiku fil-Kunsill fil-5.00pm imma baqgħu hemm wara l-5.30pm. Is-Sindku spjega li fis-sitwazzjoni kienet

tkun żball kieku ma kompliex jitkellem ma’ dawn ir-residenti meta kien fi stat ta' eġitazzjoni. Is-Sinjura Joan Farrugia qalet li mhux sew li hi u xi kunsilliera oħra ma ġewx infurmati b'din il-laqgħa. Is-Sindku spjega li hu kellu laqgħa ma’ żewġ residenti fil-5.00pm li talbu biex jiltaqgħu miegħu u minflok ġew r-residenti kollha. Ġiet ippreżentata dikjarazzjoni ffirmata minn tliet Kunsilliera fejn qed joġġezzjonaw fuq dak li ġara.

5.1.3 Is-Sinjura Joan Farrugia lmentat ukoll li saru laqgħat fejn il-Kunsilliera ma kinux infurmati bihom. Is-Sindku spjega li dawn il-laqgħat li ġew mitluba mit-TM u LESA, biex jiltaqgħu mas-Sindku, hekk kif jixhdu l-kopji tal-emails ippreżentati waqt il-laqgħa. Is-Sindku kompla billi qal li dawk il-Kunsilliera li kienu preżenti fil-Kunsill ġew mistednin jattendu jekk riedu.

5.2 Is-Sinjura Joan Farrugia tkellmet fuq is-soft area li hemm fl-aħħar parti ta' Triq George Tayar. F'din is-soft area qed ikun hemm ħafna boroż tal-iskart u ġrieden. Is-Sinjura Farrugia talbet biex din is-soft area tinkesa b'wiċċ tal-konkos. Kien hemm qbil fuq din.

Is-Sinjura Joan Farrugia skużat ruħha mil-laqgħa fis-7.00pm.

5.3 Is-Sinjura Marica Bayliss tkellmet fuq:

5.3.1 Patching ta' parti mit-Triq il-Kappella quddiem il-każin tal-banda. Għandha tinġabar stima fuq din biex ix-xogħol isir qabel tibda l-festa

5.3.2 Laqgħa ma’ tal-ħwienet rigward it-tiżjin tal-Milied. Għandha tintbagħat reminder biex issir l-laqgha

5.3.3 Passaġġi u artwork madwar il-guva. Għandha tinġabar stima fuq din.

5.3.4 Il-passaġġ bejn l-iskola u ċ-Child Minding Facility li hija fi stat ħażin.

5.3.5 Għandha tintbagħat reminder fuq it-talba għal disabled parking fi Pjazza Borg Brared.

5.3.6 Info pack tal-Kunsill. Dan għandu jiġi ppubblikat kif jispiċċa x-xogħol ta' editing.

5.4 Is-Sur Dominic Cassar tkellem fuq:

5.4.1 Kwotazzjonijiet mill-kuntrattur tal-Kunsill rigward xogħlijiet ta' manutenzjoni f'diversi postijiet fil-lokal. Kien hemm qbil unanimu fuq dawn.

5.4.2 Un/loading Bay fi Triq Birkikrara quddiem ħanut tal-ħġieġ. Għandha ssir talba lil TM.

5.4.3 Talba għal un/loading bay minn ħanut tal-ħelu fi Triq R Cauana Dingli. Wara diskussjoni kien hemm qbil li din ma tiġix aċċettata minħabba li dan huwa ħanut waħdu fi triq wiesa ħafna u mhux skont il-policy tat-TM.

5.4.4 Talab biex meta jkun hemm group li jingħata Mertu San Ġwann, il-membri tal-group jingħataw ċertifikat maħruġ mill-Kunsill. Kien hemm qbil fuq din.

5.4.5 Informa lill-Kunsill li hemm resident li ser jaqta’ siġra fil-propjetà tiegħu u ser jippreżenta 20 siġra lill-Kunsill bħala kumpens.

5.5 Is-Sur Neville Mallia tkellem fuq il-proposta għal zebra crossing fil-parti ta' fuq ta' Triq Bella Vista. Il-Kunsill ġie nfurmat li din it-talba diġà ġiet mgħoddija lil TM u qed jikkonsidrawha. Hu talab ukoll biex issir kaxxa safra quddiem il-convenience shop f'Ta' Żwejt biex iservi għal min irid iħott u jgħabbi mill-ħanut. Ma kienx hemm qbil fuqha.

## 6 Pagamenti Numru 61

6.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.30pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 25 ta' Lulju 2016 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Etienne Bonello Du Puis** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |